MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 550/2001/1

**MD Trucking Limited**

**vs**

**Joseph Pitre**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex tikkundannah:

1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu

(LM344.80,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minnu lil MD Trucking Limited in kwantu ghal servizzi ta' trasport provdut lilu u dana fuq inkarigu tieghu stess;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti hallas l-ammont kollu dovut in konnessjoni mas-servizzi rezi mis-socjeta' attrici u inoltre, l-istess servizzi resi kkagunaw danni lill-eccipjenti, li gew debitament rimborsati lilu, kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici qed tirrikjama l-ammont minnha ndikat fl-avviz odjern ghas-servizzi minnha rezi lill-konvenut u li taghhom baqghet ma thalsitx;

2. Illi nonostante l-fatt li baghtet l-invoices appoziti fejn indikat dettaljatament r-ragunijiet ghal dan il-

pagament, il-konvenut baqa' inadempjenti u konsegwentement kellha tittiehed din il-procedura;

3. Illi l-konvenut isostni li l-ammont mitlub hu wiehed ezorbitanti meta wiehed jikkonsidra l-kwantita' zghira ta' merkanzija involuta;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li t-talba attrici hi gustifikata u timmerita konferma;

Illi in oltre, l-istess socjeta' attrici tindika dettaljatament ir-ragunijiet ghall-ammont minnha mitlub u din il-qorti ma ssib xejn ticcensura fih;

Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u erba' u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM344.80,0) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mill-ittra ufficcjali datata l-1 ta' Novembru tas-sena 2000."

Il-konvenut objetta ghall-gudikat moghti fil-konfront tieghu bl-aggravju illi s-sentenza ma giet b'ebda mod motivata minn analizi tar-rizultanzi processwali tal-kaz. Huwa jikkontendi illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra jew tapprezza l-provi sostanzjali, senjatament il-prezzijiet generali stabbiliti mis-suq fin-negozju tal-garr ta' merkanzija minn barra u l-kwestjoni tal-hsara mgarrba fil-merkanzija. Jissottometti illi kieku dan sar kienet tkun sostenuta l-versjoni tieghu illi l-ammont reklamat hu ezorbitanti u allura mhux dovut.

Il-kwestjoni sollevata hawnhekk mill-appellanti gja giet drabi ohra ezaminata mill-Qrati taghna. Kif intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Filippo e Carolina Farrugia Grey – vs- Sac. Angelo Farrugia**", Appell Civili, 12 ta' Novembru 1919 (**Vol XXIV pI p157**), "per riconoscere il vero portata di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed

esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la motivarano".

Din l-enuncjazzjoni tal-principju 'in subjecta materia' giet abbraccjata f'bosta decizjonijiet li segwewha. Ad exemplum, dawk fl-ismijiet "**Avukat Dottor Antonio Caruana –vs- Avukat Dottor Edgar Cuschieri nomine et**", Appell Civili, 17 ta' Dicembru 1965 u "**Salvatore Debono –vs- Ernest Royston Matthews et nomine**", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1966.

Applikat dan l-istess principju u taghlim ghal kaz in ezami jirrizulta qabel xejn illi t-talba kontenuta fl-avviz kienet diretta ghal hlas ta' somma bilancjali rapprezentanti provvizjon ta' servizzi ta' trasport. L-interess tas-socjeta` attrici hu naturalment dak li tithallas ta' dawn is-servizzi u ta' spejjez erogati konnessi ma' dawn l-istess servizzi. Ara deposizzjoni ta' Anton Ferris, financial controller tas-socjeta` attrici, a fol 10 – fol 51 tal-process.

Din kienet l-unika kwestjoni nvoluta u kienet din il-kwestjoni li giet deciza fis-sentenza appellata.

L-eccezzjoni tal-konvenut fil-meritu kienet illi hu hallas l-ammont kollu dovut u li inoltre s-servizzi prestati ikkagunawlu dannu. Fl-Affidavit tieghu (fol 21), imbaghad, zied raguni ohra, dik cjoe` li l-'freight costs' kienu esagerati u ma kienux konformi mal-istandard rates ghat-tip ta' merkanzija minnu mpostata.

Korrelatat ma' dan kollu kien hemm il-kwestjoni tal-kont. Dan fuq zewg livelli. Il-konvenut jistqarr li huwa assuma illi gjaladarba d-delivery note indikat nol ta' mija u hamsin lira (Lm150) dan kien l-ammont totali dovut ghat-trasport tal-merkanzija (Ara Affidavit tieghu, fol 22). Minn naha l-ohra x-xhud Anton Ferris (fol 51) joffri din l-ispjegazzjoni: "Id-delivery note ta' Lm150 kienet tindika l-freight biss. Id-

dokumenti kienu ghadhom ma waslux ghandna u allura ahna ma stajniex inkunu f'posizzjoni li nkunu nafu l-ammont ezatt kemm kellu jkun".

Il-konvenut xehed imbaghad illi huwa qatt ma rceva kont (fol 45). Konfrontat minn kopja ta' fax (fol 48) u dokumenti ohra ma baqax daqstant ferm u kategoriku fuq din il-posizzjoni tieghu anke jekk bl-iskuzanti mistqarra illi hu ma jafx li kien irceva kont jew statement fix-xahar ghax ghalih il-kwestjoni kienet giet saldata fis-sens li "jien kont diga` hallast l-ammont dovut" (Art 45).

Posta l-kwestjoni li dwarha ikkontendew il-partijiet, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, ghal dak kolu li jirrigwarda din il-kwestjoni, dehrilha li kellha takkolji l-pretensjoni tas-socjeta` attrici. Issa huwa veru illi fis-sentenza ma nsibux xi motivazzjoni approfondita izda dan ma jfisserx illi l-volonta` tal-Magistrat ma tinsabx espressa fil-parti razzjonali tas-sentenza. Huwa veru li l-Qorti setghet kienet aktar preciza u ma toqghodx esklussivament fuq motivazzjoni rijassunta bi kliem generici illi hi kienet "sodisfatta li t-talba attrici hi gusta u timmerita konferma".

Setghet per ezempju esprimiet ruhha fis-sens illi ma kienetx qed taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenut fejn stqarr li hu qatt ma rceva kont jew li l-istess kont ma kellux jitqies accettabbi tenut qies tax-xorta u n-natura tat-trasport "ex works" involut.

Ciononostante, il-kumplament tal-motivazzjoni tistabilixxi b'mod car hafna r-raguni li nduciet lill-ewwel Qorti taccetta l-versjoni attrici ghal dik tal-konvenut. Il-fatt li dik il-Qorti irragunat illi ma kienet sabet xejn x'ticcensura fil-pretensjoni tas-socjeta` attrici jiddemostra illi implicitament dik l-istess Qorti kienet qed tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut.

Huwa pacifiku illi l-motivazzjoni ma ghandhiex ghalfejn tirrivesti xi formula sakramentali. Bizzejjed li din tkun tinftiehem u li tinkorpora fiha r-raguni li wasslet lill-Qorti biex tiddeciedi kif iddeciediet. Raguni li minn ezami tal-

kumpless tal-provi hi wkoll kondiviza minn din il-Qorti ta' revizjoni.

Jibqa' l-fatt illi dak li hu importanti hi illi s-soluzzjoni jew konkluzjoni tkun inkluza fil-parti operativa tas-sentenza. Fi kliem iehor id-definizzjoni tal-kwestjoni li l-Qorti tintendi li ghandha tkun konklusiva u li tifforma l-bazi u r-raguni tad-dispositiv. Dispositiv li hu wkoll mprexxindibilment marbut mal-motivazzjoni li pprecedietu.

Xejn kuntrarju ghal dak premess ma jista' jingibed mill-gravam dedott mill-appellanti kontra s-sentenza appellata. Ukoll din il-Qorti lanqas ma thoss li tista' toqghod b'affidament fuq l-ebda wiehed mill-motivi migjuba fil-korp tar-rikors ta' l-appell fil-konfront tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Apprezzament li kif gurisprudenzjalment akkolt hu mholli fil-pjena diskrezzjoni ta' dik il-Qorti, hlief f'kazijiet eccezzjonali u ghall-motivi gravi, li f'dan il-kaz ma jidherx li jokkorru.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravju dedott u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------